VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,974, 6 ta' April, 2018
Taqsima B

A.L. 106 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004
għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care – B.A. (Hons) ECEC –
taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care – B.A. (Hons) ECEC – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care – B.A. (Hons) ECEC – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 151 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinamenti 3 u 5 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

(2) L-ordinament 4 ta' dawn l-ordinamenti għandhu japplika mill-1 ta' Marzu, 2018 'il quddiem.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (iii) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(iii) għaddew fit-testijiet tal-profiċjenza fl-Ingliż u fil-Malti, approvati mill-Fakultà. L-applikanti jkunu eżentati milli joqogħdu għat-test tal-profiċjenza fl-Ingliż jekk ikunu għaddew fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla fl-istess lingwa. L-applikanti jkunu eżentati milli joqogħdu għat-test tal-profiċjenza fil-Malti jekk ikunu għaddew fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla fl-istess lingwa."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-istudenti li meta daħlu fil-Kors ma kellhomx ċertifikati fl-Ingliż u fil-Malti fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-livell Intermedju jew Avvanżat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew kwalifiki meqjusa bħala ekwivalenti mill-Bord, ikunu meħtieġa li jsegwu u jtemmu b'suċċess kors jew korsijiet ta' profiċjenza approvati mill-Bord fil-Malti u/jew fl-Ingliż (skont kif applikabbli) qabel it-tmiem tal-ħames semestru tal-Kors. L-istudenti li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti sa dan il-perijodu jkunu meħtieġa li jwaqqfu l-istudji tagħhom sa massimu ta' tnax-il xahar fejn matul dan iż-żmien huma jkunu mistennija jiksbu dawn ir-rekwiżiti. L-istudenti jkunu eliġibbli biss li jipproċedu bl-istudji tagħhom jekk jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti."

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. (1) Għandu jkun hemm perijodu ta' osservazzjoni u tagħlim f'ambjent tat-tfal fl-età bikrija, taħt superviżjoni, kif determinat mill-Bord fl-aħħar sentejn tal-Kors."